

32004D0037

L 8/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.1.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Diċembru 2003

li tniżżel kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjonijiet ta' prodotti mis-sajd mis-Serbja u Montenegro

(notifikata taħt dokument numru K(2003) 5008)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/37/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produttzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

- (1) Twestqet spezzjoni għan-nom tal-Kummissjoni fis-Serbja u Montenegro biex jiġu verifikati l-kondizzjonijiet li taħthom prodotti mis-sajd huma prodotti, mażżuna u miqgħuta lejn il-Komunità.
- (2) Il-kondizzjonijiet ta' hawn fuq ma jirrelatawx mal-Kosovo, kif definit bir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999, li huwa suġġett għall-amministrazzjoni ċivili internazzjonali mill-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo (UNMIK). M'huwiex għalhekk possibbli li jiġu nklużi importazzjonijiet ta' prodotti mis-sajd mill-Kosovo f'din id-Deċiżjoni.
- (3) Il-ħtiġiet fil-leġislazzjoni tas-Serbja u Montenegro dwar l-ispezzjoni tas-saħħa u l-immonitorjar ta' prodotti mis-sajd jistgħu jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 91/493/KEE.
- (4) B'mod partikolari, il-Ministeru ta' l-Agricoltura, Forestrija u l-Amministrazzjoni ta' l-Ilma tar-Repubblika ta' Montenegro (MAFWM), huwa kapaċi li effettivament jivverifika l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni fis-seħħ.
- (5) L-MAFWM ipprovdiet assigurazzjonijiet uffiċjali fir-rigward tal-konformità ma' l-istandards għall-kontrolli tas-saħħa u l-immonitorjar ta' prodotti selvaġġi mis-sajd, sħaħ ta' l-ilma ħelu kif stipulat fil-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE u fir-rigward tal-konformità mal-ħtiġiet iġjeniċi ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dik id-Direttiva.
- (6) Huwa xieraq li jiġu preskritti dispożizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw prodotti mis-sajd importati fil-Komunità mis-Serbja u Montenegro, skond id-Direttiva 91/493/KEE. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu li prodotti mis-sajd selvaġġi, sħaħ ta' l-ilma ħelu biss jistgħu jiġu awtorizzati għall-importazzjonijiet fil-Komunità.

- (7) Huwa wkoll meħtieġ li titħejja lista ta' stabbilimenti approvati, bastimenti, fabbriki, jew imħażen tal-friża, u lista tal-bastimenti tal-friża mgħammra skond il-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill 92/48/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 li tniżżel ir-regoli minimi għall-iġjene applikabbli għall-prodotti mis-sajd maqbuda fuq ċerti bastimenti skond l-Artikolu 3(1)(a)(i) tad-Direttiva 91/493/KEE ⁽²⁾. Dawn il-listi għandhom jithejju fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-MAFWM lill-Kummissjoni.

- (8) Huwa xieraq li din id-Deċiżjoni tiġi applikata wara 45 jum mill-pubblikazzjoni tagħha biex tipprovdli għall-perjodu transitorju meħtieġ.

- (9) Il-miżuri li għalihom tipprovdli din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ministeru ta' l-Agricoltura, Forestrija u Amministrazzjoni ta' l-Ilma tar-Repubblika ta' Montenegro (MAFWM), għandu jkun l-awtorità kompetenti fis-Serbja u Montenegro ⁽³⁾ identifikat għall-għanijiet tal-verifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-konformità ta' prodotti mis-sajd mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Prodotti mis-sajd importati fil-Komunità mis-Serbja u Montenegro għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet stipulati fl-Artikoli 3, 4 u 5.

Artikolu 3

1. Il-prodotti mis-sajd għandhom ikunu ħut sħiħ frisk minn qabdiel selvaġġi mill-ilma baħar.

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15; Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 187, 07.07.92, p. 41.

⁽³⁾ Ma jinkludix il-Kosovo kif definit bir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Siguraà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

2. Kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat oriġinali numerat tas-saħħa skond il-mudell muri fl-Anness I u magħmul minn paġna waħda, debitament mimlija iffirmata u datata.

3. Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jitħejja f'ta' l-anqas waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn jitwettqu l-verifiki.

4. Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jkun fih l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant tal-MAFWM, u t-timbru uffiċjali ta' dan imsemmi l-aħħar, f'kulur differenti minn dak ta' l-aċċettar.

Artikolu 4

Il-prodotti mis-sajd għandhom ikunu ġejjin minn stabbilimenti approvati, bastimenti fabbrika, jew imħażen tal-friża, jew mill-bastimenti tal-friża elenkati fl-Anness II.

Artikolu 5

Il-pakketti kollha għandhom iġorru l-kliem "SERBIA i MONTE-NEGRO" u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen tal-friża jew bastiment friża ta' oriġini fittri li ma jitħassrux, ħlief fil-każ ta' prodotti mis-sajd iffriżati fi kwantità u maħsuba għall-manifattura ta' ikel priservat.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mit-28 ta' Frar 2004.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

Għall-prodotti mis-sajd mis-Serbja u Montenegro u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, esklużi molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini tkun xi tkun il-forma tagħhom

Nru. ta' Referenza:

Pajjiż tad-dispaċċ: SERBIA U MONTENEGRO

Awtorità kompetenti: Ministeru ta' l-Agrikoltura, Forestrija u Amministrazzjoni ta' l-Ilma tar-
Repubblika ta' Montenegro(MAFWM)

I. **Detalji li jidentifikaw il-prodotti mis-sajd**

- Deskrizzjoni tal-prodotti mis-sajd:
 - Speċi (isem xjentifiku):
 - Preżentazzjoni tal-prodott:
- Numru tal-kodiċi (fejn disponibbli):
- Tip ta' pakkeġġar:
- Numru ta' pakketti:
- Piż nett:
- Temperatura meħtieġa ta' ħażna u trasport:

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem/ismijiet u approvazzjoni uffiċjali (numru/i ta' reġistrazzjoni ta' stabbiliment/i, bastiment/i fabrika, jew maħżen/imħażen tal-friża approvati jew bastiment/i friża reġistrati mill-MAFWM għall-esportazzjoni lejn l-UE:

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti huma mibgħuta

minn:
(post tad-dispaċċ)

lejn:
(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

permezz tal-mezzi tat-trasport li ġejjin:

Isem u indirizz tal-mittent:

.....

Isem tad-destinatarju u indirizz fil-post tad-destinazzjoni:

.....

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**


L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti mis-sajd speċifikati hawn fuq:

1. inqabdu u kienu maniġġati abbord bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa preskritti bid-Direttiva 92/48/EEC;
2. kienu mniżżla l-art, immaniġġati, ippakkjati u, fejn xieraq, maħżuna iġjenikament b'konformità mal-ħtiġiet preskritti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/EEC;

3. għadew mill-kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/EEC;
4. huma pakkjati, markati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/EEC;
5. m'humiex ġejjin minn speċji tossiċi jew speċji li fihom il-biotossini;
6. għadew b'mod sodisfaċjenti mill-verifiki organoleptiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi preskritti għal ċerti kategoriji ta' prodotti mis-sajd permezz tad-Direttiva 91/493/EEC u fid-deċiżjonijiet tagħha ta' implimentazzjoni.

L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat b'dan jiddikjara illi huwa konxju mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/EEC, id-Direttiva 92/48/EEC u d-Direttiva 2004/32/EC.

Magħmulha fi ,
 (Post) (Data)



.....
 Firma ta' l-ispettur uffiċjali (!)

.....
 (Isem fittri kbar, kariga u kwalifiki tal-persuna li tiffirma)

(!) Il-kukur tal-firma u tat-timbru għandhom ikunu differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

L-ANNESS II

LISTA TA' STABILIMENTI U BASTIMENTI

Nru ta' approvazzjoni	Isem	Belt/reġjun	limitu ta' approvazzjoni	Kategorija
79	Antivari d.o.o	Bar		PP
331	Albamont Rozafa d.o.o	Bar		PP

Iskrizzjoni tal-kategorija:

PP: Impjant ta' l-ipproċessar.